32004R0642

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 642/2004

tas-6 ta' April 2004

dwar ħtiġiet ta' preċiżjoni għall-ġbir ta' *data* skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 għad-denunzji ta' statistika fir-rigward ta' ġarr ta'oġġetti fuq l-art

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar denunzji ta' statistika fir-rigward tal-ġarr ta' oġġetti bl-art [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 1172/98, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-denunzji ta' statistika mibgħuta mill-Istati Membri ikunu jikkonformaw ma' *standards* minimi ta' preċiżjoni, waqt li jingħata kont tal-karatteristiċi strutturali tat-trasport bl-art fl-Istati Membri.

(2) Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) 1172/98, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Ewrostat b'informazzjoni kull sena dwar id-daqs tal-kampjun, rati mhux responsivi u, fil-forma ta' żbalji *standard* jew intervalli ta' kunfidenza, l-affidabilità tar-riżultati prinċipali.

(3) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-istruttura u l-kontenut ta' l-i*standards* minimi ta' preċiżjoni dwra r-riżultati statistiċi mibgħuta mill-Istati Membri.

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilitt bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, *Euratom* [3],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Perjodi ta' żmien koperti fl-istħarriġ

1. Fejn il-metodi wżati mill-Istati Membri fil-kompliazzjoni tad-*data* jinvolvu metodoloġija ta' kampjun, il-perjodi kollha ta' żmien għandhom ikunu koperti mill-istħarriġ.

2. Fejn it-total tan-numru ta' vetturi bil-mutur li jġorri oġġetti bl-art li jista' jiġi nkluż fl-istħarriġ ikun anqas minn 25 000 vettura, jew in-numru totali ta' vetturi li jieħdu sehem fi trasport internazzjonali jkun anqas minn 3 000, in-numru minimu ta' ġimgħat koperti bl-istħarriġ fi kwart ta' sena għandu jkun seba'.

Artikolu 2

Perċentwal ta' żball standard

1. Fejn il-metodi wżati mill-Istati Membri fil-kompilazzjoni tad-*data* jinvolvu metodoloġija ta' kampjun, il-perċentwal ta' l-iżball *standard* (kunfidenza ta' 95 %) ta' l-estimi annwali għat-tunellati metriċi trasportati, it-tunellati metriċi/kilometri magħmula u l-kilometri totali ivvjaġġati mgħobbija għat-total ta' oġġetti trasportati bl-art u għal oġġetti nazzjonali tarsportati bl-art ma għandhomx ikunu akbar minn ± 5 %.

2. Fejn in-numru totali ta' vetturi bil-mutur li jġorru oġġetti bl-art relevanti għall-Istat Membru jkun anqas minn 25 000 vettura, jew in-numru totali ta' vetturi li jieħdu sehem fi trasport internazzjonali jkun anqas minn 3 000 vettura, il-perċentwal ta' l-iżball *standard* (kunfidenza ta' 95 %) ta' l-estimi annwali tat-tunellati metriċi trasportati, it-tunellati metriċi/kilometri magħmula u n-numru totali ta' kilometri vvjaġġati mgħobbija għat-total tat-trasport ta' oġġetti bl-art u għall-oġġetti nazzjonali trasportati ma għandux ikun akbar minn ± 7 %.

Artikolu 3

Informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Eurostat

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat bl-informazzjoni għal kull kwart tas-sena biex jippermettu l-kalkolu tad-daqs tal-kampjun, ir-rati responsivi u jirreġistraw ir-rati ta' kwalità. Fejn l-unità primarja ta' kampjun tkun il-vettura bil-mutur li ġġorr l-oggetti bl-art, l-informazzjoni għandha tiġi provduta fil-format tat-Tabella B1 fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament. Fejn l-unità primarja ta' kampjun ma tkunx il-vettura bil-mutur li ġġorr l-oggetti bl-art, l-informazzjoni għandha tiġi provduta fil-format tat-Tabella B2 fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament. It-tabella għandha tiġi provduta fl-istess perjodu ta' żmien bħal dak tat-trasmissjoni tad-*data* stipulat fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "rata responsiva" tfisser valur, li d-dominatur tiegħu huwa n-numru ta' unitajiet ta' kampjun li dwarhom intbagħtu kwestjonarji lil operaturi magħżula, u li n-numeratur tiegħu huwa n-numru ta' unitajiet ta' kampjun li dwarhom intbagħtu kwestjonarji, imnaqqas bit-total tan-numru ta' unitajiet li rrifjutaw li jieħdu sehem u n-numru ta' unitajiet li dwarhom ma ġiet riċevuta informazzjoni ta' ebda tip;

[1] ĠU L 163, tas-6.6.1998, p. 1.
[2] ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1
[3] ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

(b) "rata ta' kwalità ta' reġistru" tfisser valur, li d-denominatur tiegħu huwa n-numru ta' unitajiet ta' kampjun li dwarhom kienu ntbagħtu kwestjonarji, imnaqqas bit-total tan-numru ta' unitajiet li rrifjutaw li jieħdu sehem u n-numru ta' unitajiet li dwarhom ma ġiet riċevuta informazzjoni ta' ebda tip, u li n-numeratur tiegħu huwa n-numru ta' unitajiet ta' kampjun fejn il-vetturi kienu jaħmu attivament matul il-perjodu ta' l-istħarriġ, miżjud bin-numru ta' unitajiet fejn il-vetturi ma kienux jaħdmu matul il-perjodu ta' l-istħarriġ iżda jistgħu jitqiesu li huma parti mill-ħażna attiva ta' vetturi.

2. Jekk il-perċentwal ta' żbalji *standard* tad-*data* provduta minn Stat Membru skond ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 ikun ġie kalkolat għal numru ta' snin u l-Eurostat tkun innotat li dawn l-iżbalji *standard* ikunu fil-limiti preskritti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-Eurostat tista' teżenta lil dak l-Istat Membru mill-obbligu li jipprovdi t-Tabella B1 jew it-Tabella B2 fuq il-bażi ta' kull tlett xhur.

3. Fejn japplika l-paragrafu 2, l-Istat Membru jista' jipprovdi lill-Eurostat b'informazzjoni għal kull sena li tippermetti l-kalkolu tar-rata responsiva u r-rata ta' kwalità tar-reġistru. L-informazzjoni tista' tiġi provduta fil-format tat-Tabelli B3 jew B4 (kif xieraq) fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament. It-tabella għandha tintbagħat fi żmien ħamesxhur mit-tmiem ta' l-aħħar perjodu ta' osservazzjoni ta' tlett xhur tas-sena rilevanti. B'żieda fl-istess limitu ta' żmien, l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Eurostat bil-figuri kalkolati tal-perċentwal ta' l-iżball *standard* Kunfidenza ta' 95 %) ta' l-estimi tat-tunellati metriċi trasportati, tunellati metriċi/kilometri magħmula u l-kilometri totali vvjaġġati għat-total ta'oġġetti trasportati bl-art, għal oġġetti nazzjonali trasportati bl-art u t-total ta' trasport bl-art ta' oġġetti internazzjonali.

Artikolu 4

Fejn in-numru totali ta' vetturi bil-mutur li jġorru oġġetti bl-art, fi Stat Membru li jaħdmu fi trasport internazzjonali u li jistgħu jiġu nkluži fl-istħarriġ ikun anqas minn 1 000 vettura, l-Istat Membru kon1^{er}nat għandu jkun eżentat mill-applikazzjoni tar-Regolament presenti.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ wara għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-6 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

L-ANNESS

TABELLI B1, B2, B3, B4

TABELLA B1: Għal stħarriġ fejn il-vettura bil-mutur li ġġorr l-oġġetti tkun l-unità statistika: informazzjoni dwar kampjun

	Pajjiż li jirrapporta:	Livell					
	____ Tlett xhur/____ Sena	1	2	3	4	eċċ.	Total
1	Numru ta' vetturi fil-pajjiż f'kull livell						
2	Numru ta' vetturi magħżula għall-kampjun inizjali u kwestjonarji mibgħuta lil sidien ta' vetturi: 2. **(*Nota:* il-fillieri 2 = il-fillieri 3 + 4 + 5 + 6).**						
3	In-numru ta' każi klassifikati bħalali ma rrispondewx. **Dawk li ma rrispondewx jinkludu rifjuti, każi fejn ma ġiet riċevuta ebda risposta jew komunikazzjoni ta' xi tip dwar l-unità tal-kampjun u fejn ġiet riċevuta risposta iżda fejn il-kwestjonarju kien mimli tant ħażin li ma setgħax jintuża fl-analiżi.**						
4	Numru ta' każi fejn l-informazzjoni dwar ir-reġistru tal-kampjun kienet żbaljata u r-risposta ma setgħetx tintuża. **Informazzjoni żbaljata dwar reġistru tal-vetturi tinkludi każi fejn il-vettura magħżula kienet ġiet skrappjata, mibjugħa, mikrija, hija barra l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan l-istħarriġ (per eżempju ma ġġorrx oġġetti, il-kapaċità tat-tagħbija hija baxxa wisq, il-persuna kkuntattjata qatt ma kienet is-sid tal-vettura, il-vettura ma tkunx liċenzata fiż-żmien ta' l-istħarriġx, l-indirizz mhux korrett, jew ma twassalx).**						
5	Numru ta' kwestjonarji wżati fl-analiżi (jiġifieri rekords ta' vettura (f'sett ta' *data* A1), li jintbagħtu lill-Eurostat li jirrekordjaw l-attività tal-vettura)						
6	Numru ta' każi fejn ebda attività tal-vettura ma kienet rekordjata matul il-perjodu tal-kampjun iżda l-vettura tista' titqies bħala parti minn numru attiv **(vetturi mhux użati fil-perjodu tal-kampjun, minħabba mard, btajjel, ebda sewwieq, bla xogħol, tiswija temporanja, eċċ.)**						
7	Fattur gross użat						

TABELLA B2: Għal stħarriġ fejn il-vettura bil-mutur li ġġorr oġġetti mhix l-unità statistika: informazzjoni dwar kampjun

	Pajjiż li jirrapporta:	Livell					
	____ Tlett xhur/____ Sena	1	2	3	4	eċċ.	Total
1	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi fil-pajjiż f'kull livell						
2	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi magħżula għall-kampjun inizjali u l-kwestjonarji mibgħuta lis-sidien tal-vetturi **(*Nota:* 2. (il-fillieri 2 = il-fillieri 3 + 4 + 5 + 6).**						
3	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi li ma rrispondewx. **Dawk li ma rrispondewx jinkludu rifjuti, każi fejn ma ġiet riċevuta ebda risposta jew komunikazzjoni ta' xi tip dwar l-unità tal-kampjun.**						
4	Numru ta' każi fejn l-informazzjoni dwar ir-reġistru tal-kampjun kienet żbaljata u r-risposta ma setgħetx tintuża. **(Informazzjoni żbaljata dwar reġistru tal-vetturi tinkludi każi fejn il-vettura magħżula kienet inbiegħet, hija barra l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan l-istħarriġ, ma għadhomx fin-negozju, il-vettura ma tkunx liċenzjata fiż-żmien ta' l-istħarriġ, l-indirizz mhux korrett, jew ma twassalx)**						
5	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi li jipprovdu informazzjoni dwar vetturi						
6	Mill-unitajiet statistiċi fil-fillieri 5, in-numru totali ta' vetturi li dwarhom l-informazzjoni kienet provduta fuq vjaġġi magħmula fil-perjodu ta' l-istħarriġ						
7	Mill-unitajiet statistiċi fil-fillieri 5, in-numru totali ta' vetturi fejn ebda attività tal-vettura ma kienet rekordjata matul il-perjodu tal-kampjun iżda l-vettura tista' titqies bħala parti minn-numru attiv **(vetturi mhux użati fil-perjodu tal-kampjun, minħabba mard, btajjel, ebda sewwieq, bla xogħol, tiswija temporanja, eċċ.)**						
8	Numru stmat ta' vetturi fil-pajjiż f'kull livell (jekk disponibbli)						
9	Fattur gross użat						

TABELLA B3: Għal stħarriġ fejn il-vettura bil-mutur li ġġorr oġġetti hija l-unità statistika: informazzjoni dwar kampjun

	Pajjiż li jirrapporta: **Sena _____**	
1	Numru ta' vetturi fil-pajjiż f'nofs is-sena.	
2	Numru ta' vetturi magħżula għall-kampjun inizjali u kwestjonarji mibgħuta lil sidien ta' vetturi: 2. **(*Nota:* il-fillieri 2 = il-fillieri 3 + 4 + 5 + 6)**	
3	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi li ma rrispondewx. **Dawk li ma rrispondewx jinklkudu rifjuti, każi fejn ma ġiet riċevuta ebda risposta jew komunikazzjoni ta' xi tip dwar l-unità tal-kampjun u fejn ġiet riċevuta risposta iżda fejn il-kwestjonarju kien mimli tant ħażin li ma setax jintuża fl-analiżi.**	
4	Numru ta' każi fejn l-informazzjoni dwar ir-reġistru tal-kampjun kienet żbaljata u r-risposta ma setgħetx tintuża. **Informazzjoni żbaljata dwar reġistru tal-vetturi tinkludi każi fejn il-vettura magħżula kinet ġiet skrappjata, mibjugħa, mikrija, hija barra l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan l-istħarriġ (per eżempju ma ġġorrx oġġetti, il-kapaċità tat-tagħbija hija baxxa wisq, il-persuna kkuntattjata qatt ma kienet issid tal-vettura, il-vettura ma tkunx liċenzata fiż-żmien ta' l-istħarriġx, l-indirizz mhux korrett, jew ma twassalx).**	
5	Numru ta' kwestjonarji wżati fl-analiżi (jiġifieri rekords ta' vettura (f'sett ta' *data* A1), li jintbagħtu lill-Eurostat li jirrekordjaw l-attività tal-vettura)	
6	Numru ta' każi fejn ebda attività tal-vettura ma kienet rekordjata matul il-perjodu tal-kampjun iżda l-vettura tista' titqies bħala parti minn numru attiv **(vetturi mhux użati fil-perjodu tal-kampjun, minħabba mard, btajjel, ebda sewwieq, bla xogħol, tiswija temporanja, eċċ.)**	

TABELLA B4: Għal stħarriġ fejn il-vettura bil-mutur li ġġorr oġġetti mhix l-unità statistika: informazzjoni dwar kampjun

	Pajjiż li jirrapporta: **Sena _____**	
1	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi	
2	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi magħżula għall-kampjun inizjali u l-kwestjonarji mibgħuta lis-sidien tal-vetturi **(*Nota:* 2. il-fillieri 2 = il-fillieri 3 + 4 + 5 + 6).**	
3	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi li ma rrispondewx. **Dawk li ma rrispondewx jinkludu rifjuti, każi fejn ma ġiet riċevuta ebda risposta jew komunikazzjoni ta' xi tip dwar l-unità tal-kampjun.**	
4	Numru ta' każi fejn l-informazzjoni dwar ir-reġistru tal-kampjun kienet żbaljata u r-risposta ma setgħetx tintuża. **Informazzjoni żbaljata fir-reġistru tal-vetturi tinkludi każi fejn l-unità magħżula kienet inbiegħet, hija barra l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan l-istħarriġ, ma għadhiex fin-negozju, l-indirizz mhux korrett, jew ma twassalx**	
5	Numru ta' unitajiet primarji statistiċi li jipprovdu informazzjoni dwar vetturi	
6	Mill-unitajiet statistiċi fil-fillieri 5, in-numru totali ta' vetturi li dwarhom l-informazzjoni kienet provduta fuq vjaġġi magħmula fil-perjodu ta'l-istħarriġ	
7	Mill-unitajiet statistiċi fil-filliera 5, in-numru totali ta' vetturi fejn ebda attività tal-vettura ma kienet rekordjata matul il-perjodu tal-kampjun iżda l-vettura tista' titqies bħala parti min-numru attiv **(vetturi mhux użati fil-perjodu tal-kampjun, minħabba mard, btajjel, ebda sewwieq, bla xogħol, tiswija temporanja, eċċ.)**	
8	Numru stmat ta' vetturi fil-pajjiż f'nofs is-sena (jekk disponibbli)	